IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 23.2.2011
KUMM(2011) 78 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Reviżjoni tal-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Reviżjoni tal-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa

1. INTRODUZZJONI

L-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (SBA)[1], jipprovdi qafas politiku komprensiv għall-SMEs, jippromwovi l-intraprenditorija u jankra l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" fil-liġi u t-tfassil tal-politika biex tittejjeb il-kompetittività tal-SMEs.

Imsejjes fuq 10 prinċipji u diversi azzjonijiet politiċi u leġiżlattivi konkreti għall-implimentazzjoni tagħhom, l-SBA jistieden kemm lill-Kummissjoni u kemm lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-ostakoli li jxekklu l-potenzjal tal-SMEs tat-tkabbir u biex joħolqu l-impjiegi. Din il-Komunikazzjoni tikkunsidra l-implimentazzjoni tal-SBA u tevalwa il-ħtiġijiet l-ġodda tal-SMEs li qed joperaw fl-ambjent ekonomiku kurrenti, fejn qed isibuha dejjem aktar diffiċli biex isibu l-fondi u biex jaċċessaw is-swieq. L-SBA għandu jikkontribwixxi għar-realizzazzjoni tal-għanijiet ambizzjużi tal-aġenda l-ġdida ta' riforma tal-Kummissjoni, l-istrateġija Ewropa 2020[2], fejn diġà ġew stabbiliti diversi azzjonijiet rilevanti għall-SMEs fl-inizjattivi prinċipali ewlenin. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir[3], ippreżentat mill-Kummissjoni f'Jannar 2011, jikkonkludi li t-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020 jirrikjedi, flimkien ma' konsolidazzjoni fiskali, politiki proattivi biex jagħtu spinta lit-tkabbir fl-UE, inklużi miżuri għat-titjib tal-ambjent għall-industrija u n-negozju, partikolarment l-SMEs. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" nediet dibattitu dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati għar-rilanċ tas-Suq Uniku, inklużi inizjattivi biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs.

Din ir-reviżjoni tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar fl-ewwel sentejn tal-SBA, tistabbilixxi azzjonijiet ġodda biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mill-kriżi ekonomika rrappurtati mill-partijiet interessati, u tipproponi modi kif jistgħu jiġu mtejbin l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-SBA bi rwol ċar għall-partijiet interessati, u bl-organizzazzjonijiet tan-negozju fuq quddiem. Fl-istess waqt, wieħed iżomm f'moħħu li kull SME hija differenti: il-varjazzjoni fid-daqsijiet tagħhom, fl-oqsma tal-attività tagħhom u fl-għamla legali tagħhom jirrikjedu l-attenzjoni adattata b'mod adegwat ta' dawk li jfasslu l-politika. Fl-aħħar nett, tindika l-impenji tal-Kummissjoni lejn it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-SBA, filwaqt li titlob lill-Istati Membri jagħmlu l-parti tagħhom.

---

1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa, - COM (2008) 394 finali.

2 http://ec.europa.eu/eu2020/index_en.htm

3 COM(2011) 11 finali.

2. QED IKUN HEMM PROGRESS STABBLI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-SBA IŻDA JEĦTIEĠ LI JSIRU IKTAR SFORZI

L-SBA huwa bbażat fuq 10 prinċipji ewlenin u għadd ta' azzjonijiet konkreti li ġew approvati kompletament mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2008. Kemm il-Kummissjoni Ewropea u kemm l-Istati Membri ħadu l-impenn li jistabbilixxu l-miżuri neċessarji biex itejbu l-kuntest regolatorju, amministrattiv u kummerċjali u biex jappoġġjaw lill-SMEs Ewropej. Il-fowkus prinċipali kien, u jibqa', immirat fuq tliet oqsma: l-iżgurar ta' aċċess għall-finanzjament, l-esplojtazzjoni tas-Suq Uniku u r-regolamentazzjoni intelliġenti.

L-ewwel rapport dwar il-miżuri tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri biex jiġi implimentat l-SBA, kien ippubblikat f'Diċembru 2009[4]. Din it-taqsima tkompli tibni fuq dawn ir-riżultati u tevalwa kif u sa liema estent l-UE u l-Istati Membri implimentaw l-SBA.

2.1. Il-progress li sar mill-Kummissjoni Ewropea

Pass kbir 'il quddiem fit-titjib tal-ambjent tan-negozju

L-inizjattivi leġiżlattivi kollha previsti mill-SBA ġew adottati, minbarra r-Regolament li jistabbilixxi Statut għal Kumpanija Privata Ewropea (SPE), li għadu qed jiġi diskuss mill-Kunsill. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottawh mingħajr dewmien biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi relatati mal-kummerċ transkonfinali. Id-Direttiva dwar il-fatturi elettroniċi adottata mill-Kunsill fl-2010 iġġib magħha benefiċċji, partikolarment billi tippermetti li jintbagħtu fatturi elettroniċi bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk għall-fatturi fuq il-karta. Barra minn hekk, in-negozji b'fatturat ta' inqas minn EUR 2 miljun jistgħu jibbenefikaw minn skema li mhix obbligatorja ta' kontabbiltà bbażata fuq il-ħlasijiet, li tagħmilha possibbli li dawn in-negozji ma jħallsux il-VAT qabel ma jirċievu l-pagamenti mingħand il-klijenti tagħhom.[5]. Id-Direttiva għall-ġlieda kontra l-pagamenti tard adottata mill-Kunsill f'Jannar 2011 titlob lill-awtoritajiet pubbliċi jħallsu fi żmien 30 jum u tistabbilixxi limitu massimu ta' 60 jum għall-pagamenti bejn in-negozji, sakemm in-negozji ma jiftehmux espliċitament mod ieħor u jekk dan ma jkunx inġust ħafna fuq il-kreditur[6]. L-Istati Membri huma mistiedna jimplimentaw id-Direttiva mingħajr dewmien. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bdiet tuża "test tal-SMEs" fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha.

Ir-rwol tal-UE fl-aċċess għall-finanzjament kiber

Biex jitjieb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, strumenti finanzjarji fil-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) qed ikomplu jiffaċilitaw l-investimenti ta' kapital ta' riskju u jipprovdu garanziji għas-self lill-SMEs. Il-mikrointrapriżi jirrappreżentaw 90 % minn iktar minn 100 000 SME li sa issa bbenefikaw mill-istrumenti finanzjari tas-CIP. Huwa mistenni li sal-2013 ikunu bbenefikaw 200 000 SME oħra. Fuq medja, kull SME li tingħata self garantit fl-UE tiġġenera 1,2 impjieg[7]. Il-Kummissjoni waqqfet ukoll Forum għall-Finanzjament tal-SMEs permanenti li jqarreb lir-rappreżentanti tal-SMEs, lill-banek, lill-operaturi tas-suq, u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, bħall-BEI, biex jiġu indirizzati d-diversi ostakoli prattiċi ffaċċjati mill-SMEs meta jippruvaw jiksbu l-kreditu. Barra minn hekk, il-

---

4 http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/small-business-act/implementation/files/sba_imp_mt.pdf

5 Barra minn hekk, il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-VAT tinkludi taqsima speċifika dwal l-SMEs.

6

7 SEC(2005)0433 finali, Anness ma' COM(2005)121 finali.

qafas Temporanju tal-Għajnuna mill-Istat li jippermetti li l-SMEs jingħataw għajnuna addizzjonali, ġie estiż parzjalment sal-aħħar tal-2011[8].

L-aċċess għas-swieq qed jitjieb, partikolarment fir-rigward tal-akkwist pubbliku

Kemm il-Kummissjoni u kemm il-korpi tal-istandards Ewropej għamlu progress sostanzjali fil-promozzjoni tal-aċċess tal-SMEs għall-iżvilupp u l-użu tal-istandards. Bl-għajnuna finanzjarja tal-Kummissjoni, għadd ta' esperti li jirrappreżentaw l-interessi tal-SMEs qed jgħinu biex jagħmlu l-istandards Ewropej iktar aċċessibbli għall-SMEs, filwaqt li l-organizzazzjonijiet tal-istandards Ewropej qed jibdew jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-istandards, pereżempju permezz tat-twaqqif ta' helpdesks u portali għall-SMEs.

Fir-rigward tal-akkwist pubbliku, stħarriġ reċenti tal-Kummissjoni jissuġġerixxi li issa l-SMEs qed jesperjenzaw inqas piżijiet amministrattivi fl-aċċess tagħhom għall-akkwist pubbliku u għandhom iktar opportunitajiet fir-rigward tal-offerti konġunti. Huma żguraw 33 % tal-valur totali tal-kuntratti tal-akkwist 'il fuq mil-livelli limiti tad-Direttivi tal-UE fil-perjodu ta' bejn l-2006 u l-2008, filwaqt li s-sehem totali tagħhom fl-ekonomija, kif ikkalkolat abbażi tal-fatturat ikkumbinat tagħhom, huwa ta' 52 %[9].

F'Novembru 2010, il-Kummissjoni fetħet Ċentru tal-UE għall-SMEs fiċ-Ċina li jipprovdi tagħrif, pariri, taħriġ u opportunitajiet ta' tlaqqigħ għall-SMEs Ewropej li jkunu lesti li jesportaw jew jinvestu fis-suq Asjatiku.

L-intraprenditorija tiddaħħal fil-politika l-ġdida tal-innovazzjoni

Il-"Ġimgħa Ewropea tal-SMEs" baqgħet tipprovdi pjattaforma pan-Ewropea b'iktar minn 1 500 avveniment u tliet miljun parteċipant[10]. Din se titkompla fl-2011 u anki wara. Barra minn hekk, il-programm "Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ" li tnieda fl-2009, joffri taħriġ fuq il-post tax-xogħol għal intraprendituri emerġenti u ġodda bl-għan li jitrawmu netwerking transkonfinali u kooperazzjoni kummerċjali ma' intraprendituri tal-esperjenza. L-aħħar iżda mhux l-inqas, madwar 250 intraprenditur mara li rnexxew issa jagħmlu parti min-Netwerk Ewropew tal-Ambaxxaturi Nisa għall-Intraprenditorija, imwaqqaf mill-Kummissjoni fl-2009 biex jinspira lil iktar nisa biex isiru intraprendituri[11].

Il-Kummissjoni poġġiet lill-intraprendituri u lill-SMEs fiċ-ċentru tal-politika tagħha tal-innovazzjoni u r-riċerka[12]. L-għan tagħha huwa li tneħħi l-ostakoli li għad fadal għall-"kontribut tal-ideat fis-suq" u li tippromwovi attitudnijiet intraprenditorjali fost l-istudenti u r-riċerkaturi. Il-proposta tinkludi strumenti finanzjarji ġodda għall-bidu ta' negozju u għal impriżi li qed jikbru b'pass mgħaġġel u li qed jespandu fis-swieq tal-UE u dawk globali (pereżempju; self, kapital ta' riskju u finanzjament bir-riskju maqsum), simplifikazzjoni addizzjonali tal-programmi tal-UE tar-riċerka u l-innovazzjoni, drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) li jintlaħqu mill-but ta' kulħadd u użu strateġiku tal-baġits tal-akkwist. Il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tappoġġja ragruppamenti kompetittivi internazzjonalment,

---

8 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Qafas Temporanju tal-Unjoni għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali, (ĠU CC 6, 11.1.2011, p. 5).

9

10

11

12 L-inizjattiva prinċipali ta' Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni", adottata mill-Kummissjoni f'Ottubru 2010.

tqarreb lejn xulxin il-kumpaniji l-kbar u l-SMEs, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u l-komunitajiet tax-xjentisti u l-prattikanti, biex dawn jaqsmu l-għarfien u l-ideat.

Il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni[13] u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)[14] huma żewġ mezzi prinċipali li bihom il-prijoritajiet tal-SBA jinbidlu f'azzjoni fil-prattika filwaqt li tiġi żgurata l-kumplimentarjetà bejn l-appoġġ tal-UE, dak nazzjonali u dak reġjonali. Iktar investiment għandu jinkoraġġixxi lir-reġjuni, biex isibu oqsma speċifiċi speċjalizzati fil-kuntest tal-innovazzjoni, ibbażati fuq "strateġiji intelliġenti ta' speċjalizzazzjoni".

2.2. Żviluppi fl-Istati Membri

Il-progress fit-titjib tal-ambjent tan-negozju huwa wieħed kajman

L-Istati Membri kollha għarfu l-importanza ta' implimentazzjoni mgħaġġla tal-SBA iżda l-approċċ li ttieħed u r-riżultati li nkisbu jvarjaw b'mod kunsiderevoli bejn l-Istati Membri[15]. Filwaqt li ħafna minnhom adottaw miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, mhux l-Istati Membri kollha naqqsuhom effettivament. Huma biss ftit Stati Membri li integraw Test tal-SMEs fl-approċċ nazzjonali tagħhom tat-teħid tad-deċiżjonijiet (il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, il-Polonja, is-Slovenja, l-Isvezja u r-Renju Unit).

L-aċċess għall-finanzjament tjieb iżda l-isfida tibqa' f'idejn l-Istati Membri

B'rispons għall-kriżi finanzjarja u ekonomika, ħafna mill-Istati Membri adottaw miżuri biex itejbu l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, speċjalment is-self mill-banek, permezz ta' self vantaġġjuż subordinat, skemi ta' garanzija tas-self jew programmi ta' mikrokreditu. Sitt Stati Membri (il-Belġju, l-Ungerija, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda u iktar reċentement il-Finlandja) ħolqu l-kariga ta' "ombudsman tal-kreditu". Minħabba li l-aċċess għall-finanzjament, fl-aħħar mill-aħħar, b'mod ġenerali qiegħed f'idejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ approċċ iktar sod.

L-aċċess għas-swieq qed jitjieb hekk kif l-Istati Membri qed jintroduċu proċeduri innovattivi ta' akkwist u gvern elettroniku

Diversi gvernijiet jappoġġjaw l-internazjonalizzazzjoni tal-SMEs, pereżempju permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni tal-esportazzjoni, għall-istrateġiji tal-aċċess għas-suq u għall-parteċipazzjoni fil-fieri kummerċjali (Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Slovakka, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit). Xi wħud minnhom (pereżempju d-Danimarka u s-Slovenja) jiffukaw fuq kumpaniji li qed jikbru b'pass mgħaġġel u li huma lesti li jsiru internazzjonali; oħrajn stabbilixxew aġenziji ġodda li jippromwovu l-esportazzjoni (pereżempju, il-Lussemburgu) jew programmi ġodda ta' appoġġ (pereżempju, l-Ungerija). Barra minn hekk, skema ta' konsulenza, li permezz tagħha kumpaniji kbar jappoġġjaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, tinsab fl-istadju ta' proġett pilota (pereżempju, fi Franza).

---

13 Komunikazzjoni "Politika Reġjonali li tikkontribwixxi għat-tkabbir intelliġenti f'Ewropa 2020", COM(2010)553.

14 u

15 Eżempji tal-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jimplimentaw l-SBA huma inklużi fl-Anness.

Huma biss ftit pajjiżi li rrappurtaw li bdew jippromwovu l-Kodiċi Ewropea tal-Aqwa Prattiki biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku (pereżempju, l-Awstrija, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, l-Isvezja u r-Renju Unit). L-iktar miżuri mifruxa aċċessibbli għall-SMEs f'dan il-qasam jibqgħu t-tqassim tas-sejħiet għall-offerti f'lottijiet, fejn ikun possibbli, u l-iffaċilitar tal-aċċess għat-tagħrif permezz ta' siti ċetralizzati, paġni interattivi fuq il-web, u żviluppi oħrajn fir-rigward tal-akkwist elettroniku.

Xi Stati Membri żviluppaw mudelli ġodda li jippermettu l-kollaborazzjoni bejn il-kumpaniji (pereżempju l-Italja man-netwerks kummerċjali u l-Ġermanja man-netwerks tar-ragruppamenti).

Sabiex tiġi appoġġjata l-intraprenditorija f'dan iż-żmien ekonomiku diffiċli, l-Istati Membri jridu jżidu l-isforzi tagħhom biex jissimplifikaw il-proċeduri tal-falliment

Ma jista' jiġi rrapurtat l-ebda progress fil-qasam tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-falliment. Ħames Stati Membri biss (il-Belġju, il-Finlandja, l-Irlanda, Spanja u r-Renju Unit) huma konformi mar-rakkomandazzjoni li l-proċeduri legali kollha ta' stralċ ta' negozju, fil-każ ta' falliment mhux frodulenti għandhom jitlestew fi żmien sena. Dan baqa' l-istess bħal fl-2009 u l-2008.

Finalment, l-Istati Membri qed jagħmlu progress sostanzjali biex il-proċess biex tibda kumpanija jkun orħos u iktar mgħaġġel. Il-ħin u l-ispiża medji biex tibda kumpanija limitata privata fl-2010 kien ta' sebat ijiem (12-il jum fl-2007) bi spiża ta' EUR 399 (EUR 485 fl-2007)[16].

2.3. Il-ħtieġa għal iktar azzjonijiet

- Mill-adozzjoni tal-SBA ntlaħqu bosta affarijiet. Il-Kummissjoni żammet mal-impenji tagħha u implimentat ħafna mill-miżuri kif wieġħdet. L-Istati Membri, min-naħa l-oħra, għandhom rekord li mhux daqstant stabbli. Biex l-SBA jilħaq l-għan tiegħu ta' politika ekonomika favur l-SMEs, huwa importanti li jiġi żgurat li l-azzjonijiet li l-UE u l-Istati Membri ħadu l-impenn li jwettqu fil-waqt tal-adozzjoni tiegħu, jiġu implimentati kompletament. Fl-istess waqt, inbidlu ħafna affarijiet fil-kuntest ekonomiku u tfaċċaw sfidi ġodda. Biex il-politika tal-SMEs tkun adattata għaċ-ċirkostanzi attwali, huwa essenzjali li nħarsu iktar fil-bogħod.

- Fuq din il-bażi, ir-Reviżjoni tal-SBA tipproponi sett ta' azzjonijiet ġodda mmirati lejn it-trattament tal-isfidi li jirriżultaw mill-**kriżi ekonomika,** u l-iżvilupp addizzjonali ta' azzjonijiet eżistenti skont **l-istrateġija Ewropa 2020,** fl-oqsma li ġejjin:

  - li r-regolamentazzjoni intelliġenti ssir realtà għall-SMEs Ewropej,

  - li tingħata attenzjoni speċifika lill-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-SMEs,

  - li jittieħed approċċ b'bażi wiesgħa lejn it-titjib tal-aċċess tal-SMEs għas-suq,

  - li l-SMEs jingħataw l-għajnuna jikkontribwixxu għal ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, u

[16] http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/start-up-procedures/index_en.htm

– li jiġu promossi l-intraprenditorija, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir inklużiv.

Dawn l-azzjonijiet jistgħu jħallu impatt biss jekk ikunu bbażati fuq tmexxija soda tal-SMEs. Il-modi ta' kif dan jista' jittejjeb huma proposti fir-Reviżjoni tal-SBA, fejn jingħata rwol ċar lill-partijiet interessati.

3. L-GĦOTI TA' IMPETU ĠDID LILL-SBA

3.1. Ir-regolamentazzjoni intelliġenti jeħtieġ li ssir realtà għall-SMEs Ewropej

L-implimentazzjoni tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" jibqa' l-prinċipju ċentrali tal-SBA. Dan jimplika simplifikazzjoni tal-kuntest regolatorju u amministrattiv li fih qed joperaw l-SMEs, partikolarment permezz tat-tfassil ta' regoli f'konformità miegħu, li jinkludu l-prinċipju "darba biss" jew permezz tal-użu ta' għodod bħall-gvern elettroniku u soluzzjonijiet ta' punti ta' waqfa waħda. Filwaqt li l-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jagħmlu dejjem iktar sforzi biex jimplimentaw il-prinċipju, għad hemm ambitu biex l-applikazzjoni tiegħu tkun iktar sistematika u bbażata fuq l-aġenda tal-UE tar-Regolamentazzjoni Intelliġenti[17].

Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ l-applikazzjoni tat-"Test tal-SMEs" fil-proċedura tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha biex tiżgura li l-impatti fuq l-SMEs jiġu analizzati bir-reqqa u jitqiesu fil-proposti leġiżlattivi u politiċi rilevanti kollha, b'indikazzjoni ċara tal-effetti kwantifikati fuq l-SMEs, fejn ikun possibbli u proporzjonat. Filwaqt li tikkunsidra l-impatt fuq il-kompetittività tal-proposti tagħha, il-Kummissjoni se tanalizza l-abbiltà tan-negozji Ewropej, partikolarment l-SMEs, biex jikkompetu fis-swieq tal-UE u lil hinn mill-UE. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti d-differenzi bejn il-mikrointrapriżi u dawk żgħar u ta' daqs medju u jitqiesu meta jiġi applikat it-"Test tal-SMEs", u fejn ikun xieraq, għandhom jiġu previsti miżuri speċifiċi bħal miżati mnaqqsa jew obbligi ta' rappurtar issimplifikat. Fejn l-għażla jekk dawn it-tipi ta' miżuri jiġux implimentati jew le, titħalla f'idejn l-Istati Membri, dawn għandhom jużawhom. Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom jevitaw li jesaġeraw, jiġifieri li jagħmlu iktar minn dak li jistipulaw ir-rekwiżiti fil-leġiżlazzjoni tal-UE meta jkunu qed jittrasponu d-Direttivi f'liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni tikkonferma li hi lesta li tgħin lill-Istati Membri f'dan il-kompitu.

Biex jiġi żgurat li l-qafas regolatorju jkun adattat għall-iskop tiegħu u biex jiġu identifikati l-effetti kumulattivi tal-leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni se tapplika "verifiki ta' kemm hi adattata" il-leġiżlazzjoni eżistenti, fejn il-valutazzjonijiet ta' biċċiet individwali ta' leġiżlazzjoni jkunu kkumplimentati minn approċċ iktar komprensiv. Dan se jgħin fl-identifikazzjoni tal-inkonsistenzi u tal-miżuri li ma għadhomx jintużaw u dawk ineffettivi u se jkompli jnaqqas il-piż għall-SMEs, inklużi dawk li joperaw f'setturi li mhumiex industrijali bħal pereżempju fil-qasam tal-artiġjanat u s-snajja'. Attwalment qed jiġi żviluppat approċċ bħal dan fil-qasam tas-servizzi bl-għan li jiġi eżaminat il-funzjonament ġenerali tas-Suq Uniku għas-servizzi, partikolarment mill-angolu tal-SMEs[18].

Is-simplifikazzjoni hija għan kruċjali. Sa Ottubru 2011, il-Kummissjoni se tkun issimplifikat ir-rekwiżiti tat-trasparenza u tar-rappurtar għal kumpaniji elenkati li huma iżgħar. Barra minn

[17] Komunikazzjoni dwar ir-Regolamentazzjoni intelliġenti fl-UE, COM (2010) 543.
[18] COM(2011) 20.

hekk, il-Kummissjoni qed tevalwa s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tal-verifika għall-impriżi żgħar bħala segwitu għall-Green Paper dwar il-Politika tal-Verifika[19].

Wieħed mill-elementi essenzjali tal-SBA huwa l-involviment mill-qrib tal-partijiet interessati waqt l-iżvilupp tal-politika tal-SMEs tal-UE. Id-deċiżjoni li jiżdied il-perjodu tal-konsultazzjonijiet pubbliċi mnedija mill-Kummissjoni minn tmien ġimgħat għal 12-il ġimgħa mill-2012 'il quddiem, għandha tagħti iktar żmien lill-partijiet interessati biex jikkonsultaw mal-membri tagħhom u jikkonsolidaw il-pożizzjoni tagħhom dwar l-inizjattivi rilevanti għall-SMEs. Il-panils riveduti tal-SMEs tan-Netwerk tal-Ewropa għall-Intrapriżi, jikkumplimetaw ir-rispons li jasal mill-korpi rappreżentattivi tal-SMEs fil-livelli nazzjonali u tal-UE.

Jeħtieġ li l-isforzi biex l-amministrazzjonijiet pubbliċi jirreaġixxu fir-rigward tal-SMEs jitjiebu, partikolarment biż-żieda tal-użu ta' soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern Elettroniku[20] jistabbilixxi firxa wiesgħa ta' azzjonijiet li se jippermettu li l-SMEs jaħlu inqas ħin mal-proċeduri amministrattivi, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' akkwisti elettroniċi transkonfinali. Bl-istess mod, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tkompli tiżviluppa l-"Punti ta' Kuntatt Uniku", immirati biex iħaffu b'mod kunsiderevoli proċeduri bħal dawn, f'portali tal-Gvern elettroniku li huma faċli li jintużaw mill-utent u li jippermettu kompletar elettroniku, inkluż dak transkonfinali, tar-rekwiżiti amministrattivi neċessarji kollha.

Il-Kummissjoni se:

- tiżgura li l-kompetenza tal-SMEs tkun totalment disponibbli meta jkun qed jiġi vvalutat l-impatt tal-proposti l-ġodda fuq l-SMEs, filwaqt li jitqiesu d-daqsijiet differenti tal-intrapriżi, fejn ikun rilevanti;

- tippromwovi l-applikazzjoni, mifruxa mal-UE, tal-prinċipju "darba biss" li skontu l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi amministrattivi m'għandhomx jitolbu t-tagħrif, id-dejta, id-dokumenti u ċ-ċertifikati li diġà jkunu ngħatawlhom fil-kuntest ta' proċeduri oħra;

- tissimplifika l-qafas tal-kontabbiltà tal-UE billi tirrevedi r-rekwiżiti bażiċi għall-kontijiet annwali u kkonsolidati (ir-raba' u s-seba' Direttivi) tal-kumpaniji b'responsabbiltà limitata;

- tesplora, skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti, il-possibbiltà li tistabbilixxi miri biex tnaqqas l-"esaġerazzjoni" mill-Istati Membri;

- twettaq "verifiki ta' kemm hu adattat" biex tivvaluta jekk il-qafas regolatorju għal qasam politiku partikolari huwiex adattat għall-iskop tiegħu u, jekk le, x'għandu jittejjeb;

- twettaq "verifiki tal-prestazzjoni" tas-Suq Uniku sabiex tidentifika u, skont kif ikun xieraq, tirrimedja d-diffikultajiet relatati mal-interazzjoni ta' biċċiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE li jkunu applikabbli b'mod simultanju għas-settur tas-servizzi.

L-Istati Membri huma mistiedna li:

- jevalwaw sistematikament l-impatt tal-leġiżlazzjoni fuq l-SMEs bl-użu ta' "Test tal-

[19] http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2010/green_paper_audit_en.htm

[20] http://ec.europa.eu/information_society/activities/egovernment/action_plan_2011_2015/index_en.htm

SMEs", filwaqt li jqisu d-daqsijiet differenti tal-intrapriżi, fejn ikun xieraq;

- jippreżentaw, fi żmien stabbilit kull sena, pjan bil-quddiem tal-leġiżlazzjoni relatata man-negozju li tkun se tidħol fis-seħħ tul il-perjodu baġitarju li jmiss;

- japplikaw il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" mhux biss għal-leġiżlazzjoni iżda anki għall-proċeduri amministrattivi li jaffettwaw lill-SMEs (pereżempju, bl-introduzzjoni ta' interlokutur wieħed u ta' obbligi ta' rappurtar imnaqqsa).

3.2. Is-sitwazzjoni ekonomika tirrikjedi attenzjoni speċifika fuq il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-SMEs

L-SBA jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, inkluż l-appoġġ għall-pagamenti fil-ħin fit-tranżazzjonijiet kummerċjali. Minħabba l-kriżi ekonomika, ħafna mill-SMEs esperjenzaw deterjorament fis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u fil-vijabbiltà tal-kreditu, minkejja mudell tan-negozju ta' bażi li huwa vijabbli u bażi soda ta' klijenti. Fl-istess waqt, l-iktar stħarriġ reċenti dwar is-self tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) wera li diversi banek Ewropej irrestrinġew l-istandards tal-kreditu għall-kumpaniji[21]. Hemm bżonn ta' inizjattivi ġodda biex jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, inkluż permezz tas-swieq tal-kapital u ta' inkoraġġiment tal-investiment permezz ta' politiki fiskali. Minħabba djun kbar, ħafna SMEs spiċċaw vulnerabbli għall-kundizzjonijiet diffiċli tas-swieq finanzjarji. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi biex id-dħul jiġi investit fl-ekwità, filwaqt li jiftakru li l-ħtiġijiet tal-kumpaniji li qed juru tkabbir intraprenditorjali u dawk tal-SMEs prinċipali Ewropej li huma stabbiliti huma differenti. L-iskemi tal-finanzjament pubbliku tal-SMEs għandhom jingħataw spinta kemm fil-livell nazzjonali u kemm f'dak Ewropew, sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati tas-suq, u għandhom isiru iktar effiċjenti sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-problema tal-finanzjament tal-ewwel stadji ta' tkabbir tal-impriżi.

Id-dispożizzjonijiet regolatorji l-ġodda għall-istituzzjonijiet finanzjarji introdotti fil-livell tal-UE jew mill-Istati Membri għandhom ikunu kkalibrati kif xieraq u akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt ("Test tal-SMEs"). Il-Kummissjoni se tkun partikolarment attenta għall-impatt fuq is-self lill-SMEs meta tipproponi iktar rekwiżiti tal-kapital għall-banek fl-2011.

Skemi ta' garanzija tas-self imtejba u iktar effiċjenti huma essenzjali għall-SMEs, li mhux dejjem ikollhom il-kollateral. Dan huwa l-każ partikolarment għal dawk li jissellfu ammonti żgħar, billi d-disponibbiltà mtejba tal-mikrokreditu tista' tagħti spinta lill-intraprenditorija fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni nediet il-Faċilità Mikrofinanzjarja ta' Progress[22] u qed taħdem biex tinkoraġġixxi l-iskambju tal-prattiki tajba fil-mikrofinanzjament, tippromwovi t-taħriġ u toffri appoġġ lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament, partikolarment fil-qafas tal-inizjattiva JASMINE[23], u tappoġġja t-tfassil ta' kodiċi ta' kondotta tajba[24]. Huwa importanti li l-banek kollha, irrispettivament mid-daqs

21

22 http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=836

23 Azzjoni Konġunta għall-appoġġ tal-Istituzzjonijiet ta' Mikrofinanzjament fl-Ewropa.

24 http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=836 and http://ec.europa.eu/enterprise/policies/finance/borrowing/microcredit/index_en.htm

tagħhom, ikun jista' jkollhom aċċess għall-istrumenti finanzjarji kollha tal-UE. Barra minn hekk, il-banek jistgħu jiġu inkoraġġuti biex jiżviluppaw kriterji speċifiċi ta' affidabbiltà kreditizja għall-SMEs, filwaqt li jqisu, pereżempju, il-kriterji kwalitattivi.

In-nuqqasijiet tas-suq fil-kapital ta' riskju jirrikjedu li l-fluss tal-kapital ta' riskju jiżdied u li jkun hemm impriżi ta' kwalità għolja b'potenzjal ta' tkabbir, li fihom ikun jista' jsir investiment. Sabiex tittejjeb l-abbiltà tal-intraprendituri li jindirizzaw it-tħassib tal-investituri u biex ikunu ppreparati għall-investiment, il-prattiki tajba eżistenti ta' taħriġ madwar l-Ewropa għandhom ikunu iktar mifruxa. Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti kriterji ta' kwalità fil-livell Ewropew għal programmi tajba ta' stat ta' tħejjija għall-investiment, biex l-intraprendituri jingħataw l-għajnuna biex jagħżlu programm adattat.

Hemm ukoll il-ħtieġa li l-investituri jkunu iktar konxji mill-opportunitajiet offruti mill-prospetti ta' żvilupp tal-SMEs elenkati, li jinħolqu l-kundizzjonijiet għal netwerk effiċjenti ta' boroż jew swieq speċifiċi regolati li jiffukaw fuq l-SMEs, kif ukoll biex ir-rekwiżiti ta' elenku u żvelar jiġu adattati aktar għall-SMEs.

Il-Kummissjoni se tadotta pjan ta' azzjoni biex ittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, inkluż l-aċċess għall–kapital ta' riskju u għas-swieq tal-kapital u se tipprova ttejjeb it-tlaqqigħ tal-offerti u t-talbiet għal kapital ta' riskju, fin-Netwerk tal-Ewropa għall-Intrapriżi.

Appoġġ finanzjarju tal-UE

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-istrumenti finanzjarji għandu jkollhom rwol dejjem akbar fl-iffaċilitar tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament u, fl-istess waqt, jipprovdu ingranaġġ importanti għall-kapital disponibbli għas-self. Bħala parti mill-proposta ġenerali tagħha dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali wara l-2013, il-Kummissjoni se tipproponi l-effiċjenza u t-titjib tas-sett eżistenti ta' strumenti finanzjarji innovattivi li jinkludi l-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs u l-RSFF[25], biex l-SMEs jingħataw għajnuna jinvestu u jikbru. Il-Kummissjoni se tkun partikolarment attenta biex tiżgura li l-istrumenti finanzjarji futuri tal-UE, ikollhom rwol prinċipali fl-iżgurar li n-nuqqasijiet tas-suq li jaffettwaw lill-SMEs jiġu rrimedjati.

Barra minn hekk, in-nuqqasijiet regolatorji se jkunu indirizzati wkoll permezz tal-ħolqien ta' suq uniku u effiċjenti Ewropew għall-fondi tal-kapital ta' riskju, ta' studju dwar l-elementi kollha li jxekklu l-funzjonament bla ntoppi tas-suq tal-fondi tal-kapital ta' riskju u li jxekklu t-tkabbir, u permezz tal-iżgurar ta' ħarsien adegwat tal-investituri fil-livell tal-konsum, fejn ikun rilevanti.

Is-sejħa tal-Kunsill Ewropew fi Frar 2011 għas-simplifikazzjoni tal-istrumenti tal-UE bħala appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni, timmira lejn l-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' dawn l-istrumenti minn kumpaniji innovattivi, partikolarment bil-kisba ta' bilanċ ġdid bejn il-fiduċja u l-kontroll. Il-Kunsill Ewropew jistieden li ssir valutazzjoni ta' kif l-aħjar li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' kumpaniji innovattivi li qed jikbru b'pass mgħaġġel permezz ta' approċċ ibbażat fuq is-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ġiet mistiedna wkoll tesplora l-fattibbiltà ta' Skema ta' Riċerka dwar l-Innovazzjoni fin-Negozji ż-Żgħar. L-akkwist pubbliku għandu jkun immirat aħjar lejn il-ħolqien ta' domanda ikbar għal prodotti u servizzi innovattivi, u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għandhom ikunu kkontrollati aħjar kif inhu spjegat fl-inizjattiva prinċipali "Unjoni tal-Innovazzjoni".

---

[25] Faċilità Finanzjarja għall-Qsim tar-Riskju, http://www.eib.org/products/loans/special/rsff/index.htm?lang=en

Il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-azzjonijiet tagħha biex tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-programmi ta' finanzjament tal-UE. Se tkompli ssegwi l-allokazzjoni effettiva tal-baġit tal-Politika ta' Koeżjoni għall-appoġġ tan-negozji, speċjalment il-parti li hija mmirata direttament lejn l-SMEs[26]. Se tkompli tagħmel ukoll sejħiet relatati mal-SMEs fil-Programm ta' Qafas ta' Riċerka attwali u se tkompli tipprovdi appoġġ imtejjeb għall-utenti. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra wkoll li tipproponi Qafas Strateġiku Komuni li jkopri l-programmi u l-inizjattivi attwali kollha tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jista' jkun ta' benefiċċju partikolarment għall-SMEs, billi joffri regoli amministrattivi u finanzjarji inqas peżanti, sett ta' strumenti iktar simplifikati għall-SMEs li jkopru l-katina kollha tal-innovazzjoni b'mod konsistenti, u punt ta' waqfa waħda għall-pariri u l-appoġġ.

Is-simplifikazzjoni li qed issir attwalment tar-Regolament Finanzjarju[27] għandu jkollha impatt pożittiv fuq l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament tal-Unjoni u l-parteċipazzjoni fih.

Il-Kummissjoni se:

- timmira, b'sett ta' strumenti finanzjarji effiċjenti u mtejbin, li tgħin numru ikbar ta' SMEs li jibbenefikaw permezz ta' skemi ta' garanzija tas-self imtejba li se jappoġġjaw l-investimenti, it-tkabbir, l-innovazzjoni u r-riċerka;

- tagħmel il-programmi ta' finanzjament tal-UE iktar aċċessibbli għall-SMEs billi tkompli tissimplifika l-proċeduri;

- tadotta, fl-2011, pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, inkluż l-aċċess għas-swieq tal-kapital ta' riskju, kif ukoll miżuri mmirati bl-għan li l-investituri jsiru iktar konxji mill-opportunitajiet offruti mill-SMEs;

- tikkunsidra li tadotta reġim leġiżlattiv ġdid biex tiżgura li sal-2012, il-fondi tal-kapital ta' riskju stabbiliti fi kwalunkwe Stat Membru jkunu jistgħu jiffunzjonaw u jinvestu b'mod liberu fl-UE;

- tesplora l-għażliet kollha, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew, għat-twaqqif ta' strument ta' kontroll tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-livell Ewropew, partikolarment biex tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għas-suq tal-għarfien.

L-Istati Membri huma mistiedna li:

- jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-Fondi Strutturali billi jippermettu lill-SMEs jissottomettu d-dejta kollha neċessarja għall-appoġġ mill-Fondi Strutturali, darba biss;

- jiżviluppaw soluzzjonijiet simili għall-ħolqien ta' "ombudsman tal-kreditu" biex ikomplu jiffaċilitaw id-djalogu bejn l-SMEs u l-istituzzjonijiet ta' kreditu;

- jiżguraw li l-inkonsistenzi fit-trattament tat-taxxa ma jwasslux għal tassazzjoni doppja li

[26] L-allokazzjoni totali ppjanata bħala appoġġ għan-negozji fil-Politika ta' Koeżjoni fil-perjodu ta' programmar attwali għal bejn l-2007 u l-2013 hija ta' madwar EUR 55 biljun, li minnhom EUR 27 biljun huma mmirati espliċitament biss għall-SMEs u EUR 28 biljun mhumiex relatati mad-daqs tan-negozju.

[27] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni COM(2010)815.

tista' tostakola l-investimenti transkonfinali tal-kapital ta' riskju;

- jwaqqfu punti ta' waqfa waħda fejn l-SMEs ikunu jistgħu japplikaw għal għotjiet Ewropej, nazzjonali u lokali.

3.3. Il-ħolqien ta' approċċ b'bażi wiesgħa lejn it-titjib tal-aċċess għas-suq tal-SMEs

L-SBA jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw u jinkoraġġixxu lill-SMEs biex jibbenefikaw mis-Suq Uniku, inklużi mis-Suq Uniku diġitali u mit-tkabbir tas-swieq lil hinn mill-UE filwaqt li jaffaċċjaw l-isfidi ta' ekonomija sostenibbli. Barra minn hekk, l-istrateġija Ewropa 2020 tistabbilixxi diversi azzjonijiet biex ittejjeb il-kompetittività tal-UE fir-rigward tal-imsieħba kummerċjali tagħha, partikolarment permezz tal-istabbiliment ta' politika tal-industrija għall-era tal-globalizzazzjoni u strateġija kummerċjali mġedda[28], u biex tippromwovi Ewropa li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti. Fl-aħħar nett, il-Komunikazzjoni "Lejn Att dwar is-Suq Uniku"[29] tistabbilixxi għanijiet ambizzjużi biex jittejjeb is-Suq Uniku u tippreżenta pakkett komprensiv ta' miżuri.

3.3.1. Nesplojtaw il-potenzjal tas-Suq Uniku għall-SMEs

Minkejja l-progress konsiderevoli fl-għajnuna li tingħata lill-SMEs biex jibbenefikaw mis-Suq Uniku, huma jibqgħu xettiċi dwar l-involviment f'attivitajiet transkonfinali għal diversi raġunijiet. Il-pagamenti transkonfinali ħafna drabi jitqiesu bħala pagamenti għaljin u kkumplikati, kif jitqiesu wkoll l-istrumenti disponibbli biex jirrisolvu t-tilwim possibbli mal-klijenti, partikolarment fil-kummerċ elettroniku. L-iffaċilitar tal-irkupru ta' djun transkonfinali huwa kruċjali għl Suq Uniku li jiffunzjona bla xkiel. Minħabba li 'l fuq minn 60 % tad-dejn transkonfinali jibqa' ma jinġabarx, il-Kummissjoni se tippreżenta miżuri biex jiffaċilitaw l-irkupru tad-djun transkonfinali[30].

Huwa neċessarju wkoll li jkompli jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku li jirrappreżenta 17 % tal-PDG tal-UE, notevolment permezz ta' iktar simplifikazzjoni[31]. L-aċċess tal-SMEs għall-istandards u r-rappreżentazzjoni tal-interessi tagħhom fil-proċess ta' standardizzazzjoni qed jitjiebu, iżda b'pass kajman. Il-proċess jista' jittejjeb aktar biex tiġi żgurata, fost affarijiet oħrajn, parteċipazzjoni bbilanċjata tal-partijiet interessati fil-proċess tal-istandardizzazzjoni. Id-differenzi fid-dritt tal-kumpaniji, fid-dritt tal-kuntratti u fis-sistemi tat-taxxa jistgħu joħolqu diffikultajiet u jiġġeneraw spejjeż li jwasslu biex jiskoraġġixxu lill-intraprendituri milli jespandu n-negozju tagħhom fi Stati Membri oħra. Għalhekk, il-Kummissjoni se tipproponi sett uniku ta' regoli biex tiġi kkalkolata l-bażi tat-taxxa tal-kumpaniji madwar l-UE, biex ikun iktar faċli għall-SMEs li jespandu l-attivitajiet tagħhom fis-Suq Uniku. Se jitfasslu wkoll inizjattivi relatati mal-funzjonament tal-VAT biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji u biex tiġi promossa l-attività transkonfinali. Barra minn hekk, l-SMEs ħafna drabi jaffaċċjaw kundizzjonijiet kuntrattwali u prattiki inġusti imposti minn diversi atturi fil-katina tal-forniment.

---

28 Il-Komunikazzjoni "Il-Kummerċ, it-Tkabbir u l-Affarijiet Dinjija", (COM(2010)612, 9.11.2010

29

30 SEC(2005)433, Anness ma' COM(2010)135 finali.

31 Ara l-Green Paper dwar l-immodernizzar tal-akkwist pubbliku tal-UE: http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/modernising_rules/consultations/index_en.htm

Il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni biex tiżgura li jkun hemm l-aqwa kundizzjonijiet għall-SMEs biex dawn ikunu jistgħu jinnegozjaw b'mod transkonfinali, inkluż permezz tal-internet. Iż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) se tippermetti li iktar SMEs jibbenefikaw minn arranġamenti iktar sempliċi ta' pagament bi spejjeż imnaqqsa u bla ebda ħtieġa li jużaw iktar minn kont bankarju wieħed fis-Suq Uniku[32]. Is-SEPA tipprovdi wkoll pjattaforma għall-iżvilupp tal-ħruġ ta' fatturi elettroniċi pan-Ewropej u l-adozzjoni tagħhom minn għadd kbir ta' SMEs.. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll fl-"Aġenda Diġitali" tagħha l-potenzjal tan-negozju onlajn, b'mira speċifika li sal-2015 33 % tal-SMEs ikunu qed jagħmlu x-xiri/bejgħ tagħhom onlajn. Barra minn hekk, biex tippromwovi rimedju li ma jqumx ħafna flus, sempliċi u ta' malajr u għalhekk toffri wkoll alternattiva effiċjenti għall-proċedimenti fil-qrati li jqumu iktar flus u jieħdu iktar ħin, attwalment il-Kummissjoni qed tħejji proposta leġiżlattiva biex tippromwovi skemi ta' Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR) fl-UE, inkluż l-iżvilupp possibbli ta' sistema onlajn għas-soluzzjoni tat-tilwim li tkun mifruxa mal-UE għat-tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku li tkopri kemm dawk bejn in-negozji (B2B) u kemm dawk bejn in-negozju u l-konsumatur (B2C).

Il-Kummissjoni se twettaq analiżi bir-reqqa tal-prattiki kummerċjali u l-klawsoli kuntrattwali inġusti fil-kuntest ta' bejn in-negozji fis-Suq Uniku u se tressaq proposta leġiżlattiva, jekk ikun meħtieġ, biex tipproteġi lin-negozji minn kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se toħroġ Komunikazzjoni dwar id-Direttiva dwar ir-Reklamar Qarrieqi u Komparattiv[33] biex tistudja l-problemi li jaffaċċjaw l-SMEs, bħall-inganni rigward id-direttorji. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll biex tiżgura li l-SMEs f'sitwazzjonijiet ta' dipendenzaekonomika jkunu protetti mill-prattiki kummerċjali inġusti u jkollhom il-possibbiltà li jfittxu rimedju effettiv kontra tali prattiki, fejn ikunu qed jintużaw fil-ktajjen tal-provvista.

Il-liġi u l-politiki tal-UE jirrikonoxxu l-importanza tal-garanzija ta' tagħrif adegwat għall-konsumatur dwar il-proċess tal-manifattura, inklużi l-manifattur u l-oriġini tal-prodotti kummerċjalizzati fis-Suq Uniku[34]. Tingħata attenzjoni speċjali lill-konformità mal-istandards li jirregolaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, biex jiġu żgurati l-iġjene u s-sigurtà tal-prodotti, kif ukoll mar-regoli li jħarsu l-ambjent. Filwaqt li qed jiġu diskussi inizjattivi leġiżlattivi mmirati lejn it-titjib tal-qafas regolatorju fil-Parlament u l-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni[35], l-SMEs għandhom jiġu mgħarrfa aħjar dwar kif jistgħu jużaw l-istrumenti legali eżistenti tal-UE biex jipproteġu l-interessi leġittimi tagħhom mill-prattiki kummerċjali inġusti u t-tagħrif qarrieqi.

L-SMEs jintlaqtu ħażin regolarment minn prattiki li joħonqu l-kompetizzjoni, bħall-kartelli jew l-abbuż tal-pożizzjoni dominanti. Biex tistudja l-alternattivi biex l-SMEs ikunu jistgħu jeżerċitaw effettivament id-dritt tagħhom għal kumpens sħiħ għal ħsara bħal din, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika dwar approċċ Ewropew koerenti lejn ir-rimedju kollettiv.

32

33 Id-Direttiva 2006/114/KE

34 It-tagħrif dwar l-oriġini jew il-post tal-provenjenza tal-prodotti huwa kopert minn żewġ inizjattivi leġiżlattivi li attwalment qed jiġu diskussi: il-proposta għal Regolament dwar il-forniment ta' tagħrif dwar l-ikel lill-konsumaturi u l-"Pakkett ta' Kwalità", COM(2010)738.

35 Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-indikazzjoni tal-oriġini ta' ċerti prodotti importati minn pajjiżi terzi (COM(2005)661) u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ismijiet ta' tessuti u l-ittikkettjar relatat tal-prodotti tat-tessuti (COM(2009)31).

Fl-aħħar nett, ammont kunsiderevoli ta' tagħrif u pariri relatati mas-Suq Uniku għan-negozji huwa disponibbli permezz tas-servizzi tal-informazzjoni tal-UE (bħan-Netwerk tal-Ewropa għall-Intrapriżi, il-Portal Ewropew għan-Negozji ż-Żgħar, SOLVIT, il-Portal tal-Negozji – L-Ewropa Tiegħek) u tas-siti nazzjonali. Dan jippermetti lill-SMEs jaċċessaw it-tagħrif fil-lingwa tagħhom. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jippromwovu s-servizzi tal-informazzjoni tal-Kummissjoni u jiżguraw koordinazzjoni miżjuda bejn l-għodod tal-informazzjoni tal-Kummissjoni u dawk nazzjonali.

Il-Kummissjoni se:

- twettaq analiżi bir-reqqa tal-prattiki kummerċjali inġusti fl-Unjoni Ewropea u tipproponi proposta leġiżlattiva, jekk ikun hemm bżonn;
- tippreżenta inizjattivi fir-rigward ta' taxxa, bħal pereżempju proposta leġiżlattiva għal Bażi Komuni u Konsolidata għat-Taxxa tal-Kumpaniji (CCCTB) u strateġija ġdida tal-VAT li timmira partikolarment lejn it-tnaqqis tal-ostakoli tat-taxxa u l-piżijiet amministrattivi għall-SMEs fis-Suq Uniku;
- twettaq reviżjoni tas-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea fl-2011;
- tħejji dokument ta' gwida fejn tispjega r-regoli dwar l-ittikkettjar tal-oriġini u tinforma lill-SMEs dwar il-mezzi disponibbli biex jipproteġu l-interessi leġittimi tagħhom;
- tipproponi strument ta' Liġi Kuntrattwali Ewropea li jindirizza l-ħtiġijiet tal-SMEs li jkunu qed jippruvaw jidħlu fi swieq ġodda;
- tistabbilixxi proċedura uniformi biex tiffaċilita l-irkupru tad-dejn transkonfinali billi tippermetti lil kreditur jippreserva l-flus miżmuma mid-debitur tiegħu f'kont bankarju fi Stat Membru ieħor.

L-Istati Membri huma mistiedna li:

- jimplimentaw kompletament il-"Kodiċi Ewropea tal-Aqwa Prattiki li tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku";
- jippromwovu l-pubblikazzjoni onlajn ta' astratti li jkunu faċilment aċċessibbli u bla ħlas tal-istandards Ewropej b'indikazzjoni ċara tal-bidliet li jkunu saru fejn l-istandards ikunu ġew riveduti.

Il-Kummissjoni se, u l-Istati Membri huma mistiedna li:

- flimkien jistinkaw biex itejbu l-interoperabbiltà elettronika fis-Suq Intern, partikolarment permezz tat-twettiq tal-proposta tal-Att dwar is-Suq Uniku għal deċiżjoni sal-2012 li tiżgura r-rikonoxximent reċiproku tal-identifikazzjoni elettronika u l-awtentikazzjoni elettronika madwar l-UE u r-reviżjoni fl-2011 tad-Direttiva dwar il-firem elettroniċi.

3.3.2. Għajnuna lill-SMEs biex jaffaċċjaw is-swieq globalizzati

Is-swieq globalizzati joffru opportunitajiet ġodda ta' negozju lill-SMEs fl-UE. Skont studju reċenti[36], huma iktar attivi internazzjonalment mill-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Uniti u l-Ġappun: Ħamsa u għoxrin fil-mija tal-SMEs tal-UE jesportaw jew esportaw f'punt partikolari tul l-aħħar tliet snin, u minnhom 13 % esportaw 'il barra mis-Suq Uniku tal-UE. Fl-istess waqt, l-istudju jipponta lejn potenzjal kbir tas-suq li għadu ma ġiex esplojtat, partikolarment fil-pajjiżi BRIC[37] li huwa stmat li se jiġġeneraw madwar 60 % tal-PDG dinji sal-2030. Attwalment, l-esportazzjonijiet ta' bejn 7 % u 10 % biss tal-SMEs tal-UE jaslu f'dawn is-swieq.

Biex ikunu jistgħu jaċċessaw is-swieq tal-pajjiżi terzi, l-SMEs għandu jkollhom il-ħiliet adegwati, ikunu appoġġjati minn qafas politiku xieraq li jgħinhom jiksbu vantaġġ kompetittiv, u jkollhom kundizzjonijiet indaqs meta jiġu biex jegħlbu ostakoli bħal oqfsa regolatorji barranin u ostakoli li mhux f'forma ta' tariffi[38]. Il-Kummissjoni tikkunsidra għadd ta' alternattivi, inklużi l-għajnuna għall-aċċess għas-suq u gwida dwar il-kwistjonijiet regolatorji, l-istandardizzazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità. Dan iqis is-servizzi mogħtija mill-organizzazzjonijiet eżistenti tan-negozju, in-Netwerk tal-Ewropa għall-Intrapriżi kif ukoll iċ-Ċentru tal-UE għan-Negozju u t-Teknoloġija u ċ-Ċentru tal-UE għall-SMEs fiċ-Ċina. B'mod parallel, l-SMEs jibbenefikaw mill-azzjonijiet meħuda fil-kuntest tal-Istrateġija tal-Aċċess għas-Suq, bħal pereżempju l-Bażi ta' Dejta tal-Aċċess għas-Suq jew ix-xogħol ta' iktar minn 30 Tim ta' Aċċess għas-Suq fi swieq prinċipali tal-esportazzjoni li jgħaqqdu flimkien il-kompetenzi lokali tar-rappreżentanti tad-delegazzjonijiet tal-UE, l-ambaxxati tal-Istati Membri u n-negozji tal-UE bl-għan li jtejbu l-aċċess tal-kumpaniji Ewropej għal dawn is-swieq[39].

Il-Kummissjoni hija ħerqana li tippromwovi forom ġodda ta' kollaborazzjoni bejn il-kumpaniji, inkluż bejn in-negozji li jinsabu f'reġjuni jew pajjiżi differenti. Dan jirrappreżenta mudell ġdid ta' kollaborazzjoni permezz ta' ragruppamenti u netwerks tan-negozji, li jippermettu lill-intrapriżi jaħdmu flimkien u se jistimolaw approċċ koerenti u kkoordinat biex jintlaħaq għan komuni mingħajr ma jitilfu l-indipendenza tagħhom. Il-Kummissjoni se twettaq studju dwar kif il-livell Ewropew jista' jappoġġja bl-aħjar mod dan it-tip ta' kollaborazzjoni.

Barra minn hekk, fil-bidu tal-2011 il-Kummissjoni se tniedi azzjonijiet ġodda bħala appoġġ għar-ragruppamenti ta' livell dinji biex tippromwovi l-attivitajiet tar-ragruppamenti internazzjonali, l-eċċellenza fit-tmexxija tar-ragruppamenti u l-estensjoni tal-Osservatorju Ewropew tar-Ragruppamenti.

Bħala parti mill-aġenda internazzjonali tal-UE, il-Kummissjoni se tippromwovi oqsma ta' interess partikolari għall-SMEs fil-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali tagħha mal-pajjiżi terzi, pereżempju l-iffaċilitar tal-kummerċ, kif ukoll l-integrazzjoni tal-prinċipji tal-SBA fi

---

36

37 Il-Brażil, ir-Russja, l-Indja u ċ-Ċina.

38 Studju kkummissjonat mill-Kummissjoni jidentifika l-problemi speċifiċi li jiltaqgħu magħhom diversi tipi ta' SMEs meta jkunu involuti f'Investigazzjonijiet ta' Difiża tal-Kummerċ, inklużi nuqqas ta' trasparenza u diffikultajiet fl-aċċess għat-tagħrif , u jipproponi soluzzjoni possibbli għal dawn il-problemi. Attwalment, l-Istati Membri qed jiddiskutu s-sejbiet ta' dan l-istudju biex jiddeċiedu dwar l-azzjonijiet ta' segwitu. Għal iktar informazzjoni, jekk jogħġbok idħol fuq is-sit ta' DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/tackling-unfair-trade/tradedefence/information-for-business/sme/

39

Ftehimiet rilevanti u f'mekkaniżmi ta' monitoraġġ u koordinazzjoni relatati. Barra minn hekk, se tistinka biex telimina l-ostakoli mhux f'forma ta' tariffi u r-restrizzjonijiet fir-rigward tal-aċċess għall-materja prima billi tuża l-għodda disponibbli tal-politika tal-kummerċ. Dan se jikkontribwixxi wkoll biex ikomplu jinfetħu s-setturi li għadhom pjuttost inaċċessibbli għall-SMEs bħal pereżempju s-swieq tas-servizzi u tal-akkwist pubbliku, u jgħin biex jissaħħu l-IPR.

Il-Kummissjoni se:

- tippreżenta, fl-2011, strateġija ġdida dwar l-appoġġ tal-SMEs tal-UE fi swieq barra l-Unjoni Ewropea u strateġija għal raggruppamenti u netwerks kompetittivi globalment[40] b'fowkus speċifiku fuq l-analiżi tar-rwol li għandhom fit-titjib tal-kompetittività tal-SMEs;
- tindirizza l-problemi tal-SMEs fir-rigward tal-użu tal-Istrument ta' Difiża tal-Kummerċ tal-UE (TDI) billi żżid it-tagħrif u l-għajnuna fir-rigward tal-użu ta' dawn l-istrumenti;
- tfittex li tagħmel sforzi sistematiċi biex telimina l-ostakoli mhux f'forma ta' tariffi fil-Ftehimiet dwar il-Kummerċ Ħieles u tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għas-swieq tal-pajjiżi terzi u tgħin biex jissaħħu l-IPR, skont il-politika mġedda tal-kummerċ.

L-Istati Membri huma mistiedna li:

- jagħtu appoġġ għall-bini tan-netwerks tal-SMEs, skont l-Għajnuna Statali Komunitarja u r-regoli dwar il-kompetizzjoni;
- jinkoraġġixxu lill-SMEs biex jikru jew jinvestu f'kompetenzi speċjalizzati biex jgħinu lill-kumpaniji jikbru, ikunu innovattivi u jespandu internazzjonalment.

3.3.3. Għajnuna lill-SMEs biex jikkontribwixxu għal ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti

Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tqajjem kuxjenza fost l-SMEs dwar il-kwistjonijiet ambjentali u tal-enerġija u tat l-appoġġ biex tgħinhom jimplimentaw il-leġiżlazzjoni, jivvalutaw il-prestazzjoni ambjentali u enerġetika tagħhom u jtejbu l-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom. Filwaqt li dawn l-azzjonijiet jeħtieġ li jittejbu, Ewropa 2020 tefgħet il-fowkus fuq l-għoti ta' għajnuna lill-SMEs biex isiru atturi prinċipali fit-tranżizzjoni lejn it-tkabbir b'użu effiċjenti tar-riżorsi. Filwaqt li l-SMEs għandhom xi inċentivi tas-suq biex jottimizzaw l-użu tagħhom tar-riżorsi, f'ħafna każijiet mhux faċli li tidentifika jew tinterpreta s-sinjali tas-suq u l-SMEs jaffaċċjaw l-isfida ta' tagħrif, żmien u riżorsi umani u finanzjarji limitati. Biex jegħlbu dan, jeħtieġu d-disponibbiltà ta' finanzjament xieraq, inkluż permezz ta' programmi reġjonali ta' appoġġ għan-negozji, tagħrif fil-ħin, u għajnuna konkreta mogħtija minn organizzazzjonijiet ta' appoġġ lin-negozji bħall-kmamar tal-kummerċ u s-servizzi ta' konsultazzjoni. L-iżvilupp ta' inċentivi għall-inkoraġġiment ta' verifiki tal-enerġija u r-riżorsi jistgħu jippromwovu din it-tranżizzjoni.

L-istrumenti bbażati fuq is-suq jistgħu jintużaw ukoll biex jinkoraġġixxu mġiba li twassal għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, u b'hekk jibbenefikaw il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku.

---

[40] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni li Tpoġġi l-Kompetittività u s-Sostenibbiltà fiċ-Ċentru", COM (2010) 614.

Il-Kummissjoni se twaqqaf qafas speċifiku biex jippermetti lill-SMEs jaffaċċjaw l-isfida ta' ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti u biex jesplojtaw il-potenzjal. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se:

- timplimenta l-Pjan tal-Effiċjenza fl-Enerġija l-ġdid, u tibda taħdem għal Pjan ta' Azzjoni Ekoloġikament Innovattiva li jagħti attenzjoni speċjali lill-SMEs fil-promozzjoni tan-netwerking, it-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u l-innovazzjoni bl-użu effiċjenti tar-riżorsi;

- tkompli tiżviluppa l-azzjoni speċifika dwar l-esperti tal-ambjent u l-enerġija, fin-Netwerk tal-Ewropa għall-Intrapriżi, fejn se jsir it-trasferiment tal-għarfien speċifiku dwar it-teknoloġija avvanzata, il-metodoloġiji u l-aqwa prattiki, mir-reġjuni li għandhom esperjenza avvanzata għal għand dawk li għadhom lura;

- in-Netwerk tal-Ewropa għall-Intrapriżi se jappoġġja lill-SMEs fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi li jirriżultaw mill-aqwa prattiki, partikolarment it-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju;

- se jintużaw Panils tal-SMEs u l-bażi ta' dejta li tipprovdi rispons dwar l-SMEs tan-Netwerk tal-Ewropa għall-Intrapriżi, biex jgħinu fit-titjib tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni ambjentali, inkluża l-implimentazzjoni tagħha.

L-Istati Membri huma mistiedna li:

- jużaw aħjar il-possibbiltajiet tal-Għajnuna Statali biex jappoġġjaw l-investiment fl-oqsma tal-ambjent u tal-enerġija;

- jgħinu lill-SMEs jiksbu l-ħiliet maniġerjali u tekniċi neċessarji biex jadattaw in-negozju tagħhom għal ekonomija li ma tipproduċix ħafna karbonju u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, fost l-oħrajn permezz tal-Fond Soċjali Ewropew;

- jipprovdu inċentivi regolatorji għall-SMEs irreġistrati mal-Iskema tal-Ekoimmaniġġjar u l-Verifika (EMAS) u mal-ISO 14 000 u jieħdu miżuri biex jinkoraġġixxu lill-mikrointrapriżi u lill-impriżi żgħar biex jieħdu vantaġġ minn skemi ssimplifikati simili għall-EMAS, bħal pereżempju "EMAS-EASY".

3.4. Il-promozzjoni tal-intraprenditorija, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir inklużiv

L-SMEs huma l-entitajiet ewlenin li qed joħolqu l-impjiegi fl-UE, iżda minħabba l-kriżi ekonomika ntilfu madwar 3,25 miljun impjieg.

Fis-sitwazzjoni attwali, l-Istati Membri jeħtieġ li jkomplu jissimplifikaw ir-rekwiżiti amministrattivi u l-proċeduri ta' stralċ tan-negozji li jkunu qed ifallu. Barra minn hekk, madwar negozju minn kull tlieta jfalli fil-kuntest ta' transferiment tan-negozju. Għalhekk, huwa essenzjali li l-kundizzjonijiet ta' qafas jittejbu għat-trasferimenti tan-negozji, peress li tul id-deċennju li jmiss madwar 500 000 negozju li jippreżentaw 2 miljun impjieg se jkollhom jiġu trasferiti kull sena[41]. Il-Kummissjoni se tippreżenta sett ta' rakkomandazzjonijiet politiċi fl-2011 ibbażati fuq studju li jkejjel id-daqs tal-falliment u l-problema tat-tieni ċans.

41

Bħala parti mill-inizjattiva Prinċipali "Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi"[42], il-Kummissjoni se tivvaluta l-ħtiġijiet futuri fir-rigward tal-ħiliet fil-mikrointrapriżi u dawk tas-snajja' (jew simili). Barra minn hekk, l-inizjattiva "Żgħażagħ Attivi"[43] tagħmel enfasi fuq it-taħriġ biex jiġi żgurat li s-sistemi edukattivi tabilħaqq jipprovdu l-ħiliet adegwati biex wieħed jiftaħ u jmexxi SME.

Huma ftit wisq l-SMEs tal-UE li jiżviluppaw f'kumpaniji kbar u li jirnexxu globalment. L-ostakoli li jibqgħu għall-"kontribut tal-ideat fis-suq" min-naħa tal-intraprendituri, għandhom jitneħħew bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' miżuri politiċi bbażati fuq kunċett wiesa' tal-innovazzjoni fil-prodotti u s-servizzi li jinkludi kull bidla li tħaffef u ttejjeb il-mod kif in-negozji jħarsu lejn, jiżviluppaw, jipproduċu u jikkumerċjalizzaw prodotti u servizzi ġodda kif inhu stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni[44]. Il-Kummissjoni se tesplora l-fattibbiltà tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni fl-innovazzjoni tal-mikrointrapriżi, u se tipproponi qafas integrat għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-ħiliet elettroniċi għall-innovazzjoni u l-kompetittività, b'attenzjoni speċjali fuq l-intrapriżi ż-żgħar, dawk li għadhom qed jibdew u dawk li qed jikbru b'pass mgħaġġel (l-"għażżiela").

Hemm ukoll SMEs li jsegwu mudelli tan-negozju li huma differenti mill-kumpaniji tradizzjonali bbażati fuq il-kapital. Din il-kategorija, magħrufa bħala "l-ekonomija soċjali", tinkludi organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt, fondazzjonijiet, kooperattivi, soċjetajiet reċiproki u forom legali simili. Sabiex tindirizza l-ħtiġijiet partikolari ta' dawn l-impriżi, il-Kummissjoni ħabbret fl-Att dwar is-Suq Uniku għadd ta' azzjonijiet li se jipprovdu kundizzjonijiet indaqs. Dawn l-azzjonijiet se jindirizzaw il-kwistjonijiet relatati mal-kooperattivi, il-fondazzjonijiet u r-reċiproki min-naħa l-waħda u l-intrapriżi li qed ifittxu li jilħqu għanijiet soċjali min-naħa l-oħra.

Il-Kummissjoni se:

- tistabbilixxi skemi ta' konsulenza għall-intraprendituri nisa f'tal-inqas 10 pajjiżi tal-UE biex jingħataw pariri u appoġġ rigward il-bidu, il-funzjonament u t-tkabbir tal-intrapriżi tagħhom;

- tidentifika l-aqwa prattiki biex tappoġġja t-trasferimenti tan-negozji u tniedi kampanja li tippromwovi dawn il-prattiki;

- tadotta, sal-aħħar tal-2011, Inizjattiva ta' Negozju Soċjali li tiffoka fuq l-intrapriżi li jkunu qed ifittxu li jilħqu għanijiet soċjali.

L-Istati Membri huma mistiedna li:

- jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-SBA biex inaqqsu l-ħin li jieħdu l-intrapriżi biex jistabbilixxu negozju ġdid, għal tlitt ijiem tax-xogħol u l-ispiża għal EUR 100 sal-2012; inaqqsu l-ħin meħtieġ biex iġġib il-liċenzji u l-permessi (inklużi l-permessi ambjentali) biex tibda u twettaq l-attività speċifika ta' intrapriża, għal xahar sal-aħħar tal-2013;

- jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-SBA biex

[42] COM(2010) 682 finali.
[43] COM(2010) 477 finali.
[44]

jippromwovu l-idea tat-tieni ċans għall-intraprendituri billi jillimitaw iż-żmien tat-twettiq u tal-ħlas tad-djun għal intraprenditur onest wara li jfalli għal massimu ta' tliet snin, sal-2013;

- jiżviluppaw swieq u bażijiet ta' dejta aċċessibbli u appoġġjati b'mod wiesa' għan-negozji trasferibbli u jipprovdu taħriġ u appoġġ biex iżidu l-għadd ta' trasferimenti tan-negozji li jirnexxu, inklużi kampanji ta' komunikazzjoni biex titqajjem kuxjenza dwar il-ħtieġa għal tħejjija minn kmieni tat-trasferimenti tan-negozju.

4. ISSUDAR TAT-TMEXXIJA TAL-SBA BIEX JINTLAĦQU RIZULTATI TANĠIBBLI

It-tmexxija soda hija l-muftieħ għal implimentazzjoni li tirnexxi tal-SBA.

Biex tivvaluta l-progress il-Kummissjoni se tiġbor tagħrif dwar l-azzjonijiet tal-Istati Membri u se toħroġ rapporti annwali dwar il-kompetittività tal-Istati Membri tal-UE, skont l-Artikolu 173 tat-Trattat ta' Lisbona. Il-monitoraġġ tal-politiki tal-kompetittività tal-Istati Membri se jipprovdi l-bażi għar-reviżjonijiet tal-pari u l-iskambju tal-prattiki tajba. Il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Kunsill dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-SBA.

L-involviment tal-partijiet interessati se jissaħħaħ u l-partijiet interessati fl-SMEs huma mistiedna jinvolvu rwieħhom b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-SBA, inkluż permezz tal-għoti tas-sehem regolari tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-SBA.

Il-Kummissjoni se:

- twaqqaf Grupp ta' Konsulenza dwar l-SBA, magħmul minn rappreżentanti tal-gvernijiet u tal-organizzazzjonijiet tan-negozju biex jikkontribwixxu fil-valutazzjoni u r-rappurtar dwar l-adozzjoni tal-SBA, biex iżidu l-isforzi biex ixerrdu b'mod wiesa' t-tagħrif dwar l-azzjonijiet politiċi fir-rigward tal-SMEs u biex jippromwovu l-iskambju tal-prattiki tajba. F'dan il-kuntest, se tkompli tiżviluppa r-Reviżjoni tal-Prestazzjoni tal-SMEs, li tiffoka partikolarment fuq il-miżuri fil-Pjan ta' Azzjoni tal-SBA, sabiex timmonitorja u tivvaluta l-prestazzjoni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-SBA abbażi ta' firxa wiesgħa ta' indikaturi tas-suċċess;

- tipproponi t-tnedija ta' Assemblea annwali tal-SMEs marbuta mill-qrib mal-konferenza dwar il-prattiki tajba tal-SBA, biex il-partijiet interessati rilevanti kollha jiġu mmobbilizzati fl-implimentazzjoni tal-SBA u biex jitrawwem id-djalogu bejniethom.

L-Istati Membri u, fejn hu rilevanti, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, huma mistiedna li:

- jistabbilixxu, f'koordinazzjoni mar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tan-negozju, pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-SBA nazzjonali u lokali appoġġjati minn mekkaniżmi sodi ta' monitoraġġ kif ukoll minn korp inkarigat mill-koordinazzjoni tal-kwistjonijiet tal-SMEs fl-amministrazzjonijiet differenti ("Rappreżentant tal-SMEs"), li jkollu r-riżorsi umani adegwati u pożizzjoni influwenti fl-amministrazzjoni stess.

5. IL-PASSI LI JMISS

Biex tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa tal-SBA u biex jiġu milqugħin l-isfidi attwali li qed jaffaċċjaw l-SMEs, il-Kummissjoni hija ddeterminata li tkompli tagħti prijorità lill-SMEs u li

tqis il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom fil-proposti u l-programmi tagħha. It-titjib tal-kuxjenza dwar l-azzjonijiet u l-viżibbiltà tagħhom fost dawk li jfasslu l-politika fuq livell nazzjonali u reġjonali u partijiet interessati oħra se jkun kruċjali għall-iżgurar li l-SBA jiġi implimentat f'ħidma mill-qrib mal-intraprendituri. Ir-Rappreżentant tal-SMEs se jingħata l-kompitu li jimmonitorja l-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-SBA u se jinforma regolarment lill-Assemblea tal-SMEs. L-Istati Membri huma mistiedna jimplimentaw kompletament l-SBA aġġornat. Din l-istedina hija rilevanti daqstant ieħor għall-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali.

ANNESS

Ir-Reviżjoni tal-SBA
Eżempji ta' xi prattiki tajba fl-implimentazzjoni tal-10 prinċipji tal-SBA

Jekk jogħġbok innota li dan l-Anness ma jikkostitwixxix valutazzjoni komprensiva tal-politiki tal-Istati Membri u għandu jitqies bħala **suppliment** għall-pubblikazzjonijiet Ewropej jew nazzjonali disponibbli dwar il-politiki tal-SMEs.

Prinċipju 1: Il-promozzjoni tal-intraprenditorija	Ħafna mill-Istati Membri introduċew programmi tal-intraprenditorija biex irawmu l-attitudnijiet u l-ħiliet intraprenditorjali taż-żgħazagħ u biex iġibuhom konxji mill-possibbiltà li tibda negozju, billi integraw l-intraprenditorija fil-kurrikuli tal-iskejjel u l-universitajiet jew bit-tfassil ta' proġetti ekstrakurrikulari[45]. F'ċerti pajjiżi l-edukazzjoni dwar l-intraprenditorija hija l-oġġett ta' strateġija nazzjonali koerenti **(fid-Danimarka, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fl-Isvezja u r-Renju Unit),** filwaqt li pajjiżi oħra qed jimxu fl-istess direzzjoni (l-Awstrija, il-Portugall). Fil-**Latvja**, mijiet ta' studenti jistgħu jissottomettu pjanijiet ta' negozju annwalment fil-kuntest ta' kompetizzjoni. **Il-Pajjiżi l-Baxxi** stabbilixxew programm għall-intraprendituri żgħażagħ biex jibnu netwerks fl-Istati Uniti. Xi pajjiżi huma involuti fi programmi nazzjonali jew Ewropej li jinkoraġġixxu l-intraprenditorija fost in-nisa **(Ċipru, id-Danimarka, il-Greċja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Islanda[46], l-Irlanda, l-Italja, in-Norveġja[47], il-Polonja, is-Slovakkja u l-Isvezja).** Diversi Stati Membri jużaw ammonti kunsiderevoli mogħtija mill-Fondi Strutturali għal dawn il-programmi. **Eżempji oħra ta' prattiki tajba[48]** **L-Awstrija:** "Skambju ta' suċċessjoni" (imniedi fl-2008) qed jiffaċilita t-trasferiment tan-negozji. Servizzi ta' appoġġ u pjattaforma elettronika huma pprovduti għat-tlaqqigħ tal-intraprendituri li jkun beħsiebhom jittrasferixxu impriża u dawk li jkunu jixtiequ jakkwistaw impriża. **Franza:** L-istatut ta' "Awtointraprenditur" (2009) jippermetti li kwalunkwe ċittadin (qiegħed, li għandu xogħol, uffiċjal, pensjonant) iwaqqaf faċilment negozju u jibbenefika minn għadd

45

46 L-Islanda u n-Norveġja huma fost l-Istati Membri tal-UE li qed jimplimentaw l-SBA u jibbenefikaw mill-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni.

47 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 2.

48 http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm (ara t-tabella ta' fatti dwar l-SBA skont il-pajjiż għall-2009, taqsima 5 dwar il-Prattiki Tajba.

	ta' eżenzjonijiet tat-taxxa tul l-ewwel tliet snin. Iktar minn 500 000 "awtointraprenditur" ġew stabbiliti bejn Jannar 2009 u Ġunju 2010. **Ir-Rumanija:** Il-programm "Start" jimmira li jiżviluppa l-ħiliet intraprenditorjali fost iż-żgħażagħ (bejn it-18 u l-35 sena) u jappoġġja l-bidu tan-negozji. (Baġit: EUR 21,2 miljun fl-2009, inkluż EUR 19-il miljun għall-għotjiet u EUR 2,1 miljun għall-finanzjament tal-aġenzija tal-implimentazzjoni). **L-Isvezja:** Il-programm nazzjonali għall-promozzjoni tal-intraprenditorija fost in-nisa (bejn l-2007 u l-2010) jipprovdi servizzi ta' appoġġ u konsulenza għall-bidu ta' negozji mmexxija min-nisa. Ġie stabbilit netwerk nazzjonali ta' ambaxxaturi li mbagħad fl-2009 ispira l-ħolqien tan-Netwerk Ewropew tal-Ambaxxaturi Nisa għall-Intraprenditorija.

Prinċipju 2: It-tieni ċans	Ħames Stati Membri biss **(il-Belġju, il-Finlandja, l-Irlanda, Spanja u r-Renju Unit)** huma konformi mar-rakkomandazzjoni[49] li l-proċeduri legali kollha ta' stralċ ta' negozju fil-każ ta' falliment mhux frodulenti jitlestew fi żmien sena. **Eżempji oħra ta' prattiki tajba[50]** **Il-Belġju:** Il-liġi dwar il-kontinwazzjoni tal-intrapriżi (2009), li tipprovdi moratorju għall-kumpaniji li jaffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji sabiex tiġi prevenuta sitwazzjoni ta' insolvenza u prefalliment. **L-Estonja:** L-Att dwar l-Organizzazzjoni mill-Ġdid, adottat fl-2008, ħoloq alternattiva għall-proċedimenti f'każ ta' falliment, li tippermetti li l-kumpaniji jibqgħu joperaw fil-każ ta' problemi temporanji ta' solvenza. **Il-Latvja:** Liġi ġdida dwar l-Insolvenza, li daħlet fis-seħħ fl-2010, tissimplifika u tħaffef il-proċedimenti f'każ ta' insolvenza, filwaqt li tiżgura stabbilizzazzjoni tas-settur finanzjarju u tnaqqas il-livell tad-dejn fis-settur privat.

Prinċipju 3: Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir	Huma biss ftit Stati Membri **(il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, il-Polonja, is-Slovenja, l-Isvezja u r-Renju Unit)** li integraw Test tal-SMEs fl-approċċ nazzjonali tagħhom tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

[49] http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/files/docs/sba/sba_action_plan_en.pdf

[50] http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm (ara t-tabella ta' fatti dwar l-SBA skont il-pajjiż għall-2009, taqsima 5 dwar il-Prattiki Tajba.

	Il-Pajjiżi l-Baxxi, joffru eżempju interessanti ta' tnaqqis b'suċċess tal-piż amministrattiv; il-mudell Olandiż[51] ġie rreplikat f'pajjiżi oħra. **<u>Eżempji oħra ta' prattiki tajba</u>** **Il-Ġermanja:** Fl-2009 ġew issimplifikati 23 proċedura burokratika, bħala parti mit-Tielet Att dwar it-tnaqqis tal-ostakoli burokratiċi għall-SMEs[52]. **L-Italja:** F'April 2010, il-gvern adotta rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-SBA fl-Italja u waqqaf grupp ta' ħidma permanenti li jlaqqa' Ministri, Kmamar, Organizzazzjonijiet tan-Negozju, Reġjuni u membru Taljan tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-SBA u jipproponi inizjattivi f'dan il-kuntest. Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-SBA huwa mfassal u ppubblikat fuq l-internet[53].

Prinċipju 4: Amministrazzjonijiet li jagħtu rispons	**<u>Eżempji oħra ta' prattiki tajba</u>** [54] **Ir-Repubblika Ċeka:** "Is-Sett tad-Dejta" (2009) jimmira li jissimplifika t-trasferiment tad-dejta u l-komunikazzjoni bejn in-negozji u l-amministrazzjonijiet. **L-Ungerija:** L-amministrazzjoni tipprovdi punti ta' waqfa waħda biex wieħed jirreġistra kumpanija bi proċeduri ssimplifikati u elettroniċi (il-proċeduri elettroniċi ilhom obbligatorji mill-2008 u ż-żmien meħtieġ biex jinbeda negozju tnaqqas għal siegħa). **Il-Portugall:** Il-programm "Simplex" jimmira lejn is-simplifikazzjoni tal-proċessi, il-proċeduri u l-prattiki amministrattivi. Fl-2009, il-konsultazzjonijiet pubbliċi bdew isiru wkoll permezz ta' blog pubbliku.

[51] u http://english.minlnv.nl/portal/page?_pageid=116,4093799&_dad=portal&_schema=PORTAL

[52] http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm (ara t-tabella ta' fatti dwar l-SBA skont il-pajjiż għall-2009, taqsima 5 dwar il-Prattiki Tajba.

[53] http://www.sviluppoeconomico.gov.it/pdf_upload/documenti/Rapportosba2010DEF.pdf u http://www.sviluppoeconomico.gov.it/primopiano/dettaglio_primopiano.php?sezione=primopiano&tema_dir=tema2&id_primopiano=718

[54] http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm (ara t-tabella ta' fatti dwar l-SBA skont il-pajjiż għall-2009, taqsima 5 dwar il-Prattiki Tajba.

Prinċipju 5: Aċċess għall-akkwist pubbliku	Huma biss ftit pajjiżi li rrappurtaw li bdew jippromwovu l-Kodiċi Ewropea tal-Aqwa Prattiki biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku (**l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Polonja, il-Portugall, l-Isvezja u r-Renju Unit**). L-iktar miżuri mifruxa aċċessibbli għall-SMEs f'dan il-qasam jibqgħu t-tqassim tas-sejħiet għall-offerti f'lottijiet u l-iffaċilitar tal-aċċess għat-tagħrif permezz ta' siti ċentralizzati, paġni fuq il-web interattivi, u żviluppi oħrajn fir-rigward tal-akkwist elettroniku. **Eżempji oħra ta' prattiki tajba [55]** **Ir-Renju Unit:** Il-portal fuq il-web tal-gvern "Supply2.gov.uk", jirreklama l-kuntratti fis-settur pubbliku u jipprovdi aċċess għal opportunitajiet mal-gvern. Fl-2008, l-Uffiċċju tal-Kummerċ tal-Gvern, ippubblika 12-il rakkomandazzjoni biex jitnaqqsu l-ostakoli li jaffaċċjaw l-SMEs meta jkunu qed jikkompetu għal kuntratti fis-settur pubbliku.

Prinċipju 6: Aċċess għall-finanzjament	**Eżempji oħra ta' prattiki tajba[56]** Ħafna mill-Istati Membri adottaw miżuri politiċi biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament permezz ta' appoġġ pubbliku għall-iskemi ta' garanzija (**il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u r-Renju Unit)** jew l-ikkofinanzjament bil-mikrokreditu **(l-Awstrija, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, is-Slovakkja u l-Isvezja).** Diversi Stati Membri implimentaw ukoll miżuri biex jiżdied il-kapital ta' riskju **(ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Polonja, is-Slovakkja, l-Isvezja u r-Renju Unit).** Ta' min isemmi wkoll li **l-Belġju, l-Ungerija, Franza, l-Irlanda** u iktar reċentement **il-Finlandja** ħolqu l-kariga ta' "ombudsman tal-kreditu"**.** Xi Stati Membri ħadu azzjoni biex jindirizzaw il-**problema tal-pagamenti tard**, b'antiċipazzjoni tad-Direttiva riformolata dwar il-pagamenti tard u, f'ċerti każijiet, marru lil hinn mill-ambitu tagħha (**il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Portugall u r-Renju Unit).** Fl-2010, **Spanja** adottat liġi ġdida li tistabbilixxi perjodu ta' 30 jum għall-pagamenti pubbliċi u perjodu ta' 60 jum għall-

[55] http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm (ara t-tabella ta' fatti dwar l-SBA skont il-pajjiż għall-2009, taqsima 5 dwar il-Prattiki Tajba.

	pagamenti bejn in-negozji.

Prinċipju 7: Is-Suq Uniku	**Tnejn u għoxrin Stat Membru** waqqfu **punti ta' waqfa waħda** (punti ta' kuntatt uniku) operazzjonali[57]. Dawn jippermettu lill-fornituri tas-servizzi jagħmlu l-formalitajiet amministrattivi b'mod elettroniku meta jkunu jixtiequ jagħmlu n-negozju madwar l-Ewropa. Ħmistax minnhom jipprovdu sit bl-Ingliż flimkien mal-lingwa(i) nazzjonali tagħhom **(il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, Spanja u l-Isvezja).**

Prinċipju 8: Ħiliet u Innovazzjoni	Diversi Stati Membri jipprovdu finanzjament għall-kumpaniji li għadhom jibdew u li huma innovattivi partikolarment permezz ta' kapital inizjali u kapital ta' riskju (l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit). Oħrajn jipprovdu appoġġ finanzjarju għaċ-ċentri tal-innovazzjoni jew għall-poli tal-kompetittività li jorbtu lill-Universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u n-negozji **(l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja u r-Renju Unit).** "Vawċers tal-innovazzjoni", li jippermettu lill-SMEs jinvestu f'servizzi konsultattivi u kompetenzi innovattivi, issa nfirxu **(l-Awstrija, il-Greċja, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, is-Slovenja u r-Renju Unit)** [58]**.** **Eżempji oħra ta' prattiki tajba** **L-Italja:** Sabiex jiġi inkoraġġut in-netwerking bejn l-SMEs innovattivi, ġiet adottata liġi f'Lulju 2010 li tirregola n-netwerks tal-kumpaniji u li tipprovdi inċentivi fiskali, amministrattivi u finanzjarji għal dawk in-netwerks[59].

Prinċipju 9: Inbiddlu l-isfidi ambjentali f'opportunitajiet	Sabiex l-SMEs jiġu megħjuna jtejbu jew ibiddlu t-tagħmir tagħhom b'alternattivi effiċjenti fl-użu tal-enerġija, diversi Stati Membri qed jipprovdu finanzjament għall-użu effiċjenti tal-enerġija permezz ta' kundizzjonijiet favorevoli ta' self jew sussidji diretti **(il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u r-Renju Unit).** Xi pajjiżi

56 http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm (ara t-tabella ta' fatti dwar l-SBA skont il-pajjiż għall-2009, taqsima 5 dwar il-Prattiki Tajba.

57

58 "SMEs, l-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni" Studji tal-OECD dwar l-SMEs u l-Intraprenditorija, 2010

59 http://www.urp.it/allegati/Legge_2010_122.pdf (l-Artikolu 42).

	jappoġġjaw ukoll l-SMEs li jiżviluppaw opportunitajiet ta' negozju fis-swieq ekoloġiċi **(il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja u s-Slovakkja).** L-Istati Membri jipprovdu wkoll servizzi ta' konsultazzjoni għall-SMEs biex jinfurmawhom u joħolqu kuxjenza dwar l-iffrankar tal-flus permezz tal-użu effiċjenti tal-enerġija u dwar l-opportunitajiet tan-negozju **(**l-**Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Ungerija, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit).**[60]

	<u>Eżempji oħra ta' prattiki tajba</u>[61] **Id-Danimarka:** Permezz tal-Fond tal-Innovazzjoni fin-Negozju (EUR 100 miljun għal bejn l-2010 u l-2012) li twaqqaf fl-2009, il-Ministeru Daniż għall-Affarijiet Ekonomiċi u tan-Negozju jappoġġja l-opportunitajiet tan-negozju fis-swieq ekoloġiċi. **Il-Pajjiżi l-Baxxi:** Il-Fondazzjoni għall-Għarfien u l-Innovazzjoni fit-Teknoloġija Enerġetika u Ambjentali (li twaqqfet fl-2008) hija netwerk ta' 160 kumpanija, istituti tal-għarfien u gvernijiet reġjonali u lokali, li tikkofinanzja l-proġetti li joħorġu bi prodotti u teknoloġiji ekoloġiċi (pereżempju; applikazzjonijiet bl-użu tax-xemx intelliġenti, grilji enerġetiċi intelliġenti, eċċ.).

Prinċipju 10: Appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni	Diversi gvernijiet jappoġġjaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, pereżempju permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni tal-esportazzjoni, għall-istrateġiji tal-aċċess għas-suq u għall-parteċipazzjoni fil-fieri kummerċjali **(Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Slovakka, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit).** Xi wħud minnhom **(id-Danimarka, is-Slovenja)** jiffukaw fuq kumpaniji li jikbru b'pass mgħaġġel li huma lesti li jsiru internazzjonali; oħrajn stabbilixxew aġenziji ġodda li jippromwovu l-esportazzjoni **(il-Lussemburgu)** jew programmi ġodda ta' appoġġ **(l-Ungerija).** Barra minn hekk, skema ta' konsulenza, li permezz tagħha kumpaniji kbar jappoġġjaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, tinsab fl-istadju ta' proġett pilota **(Franza)**[62]**.**

60 http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm (ara t-tabella ta' fatti dwar l-SBA skont il-pajjiż għall-2009, taqsima 5 dwar il-Prattiki Tajba.

61 Sors: SBA: Bażi ta' dejta tal-prattiki tajba http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/best-practices/database/SBA/index.cfm?fuseaction=welcome.detail

62 http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm (ara t-tabella ta' fatti dwar l-SBA skont il-pajjiż għall-2009, taqsima 5 dwar il-Prattiki Tajba.